MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 428/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu hawn Malta fid-9 ta’ Gunju 2001, u minn liema ghaqda twieldet tarbija wahda;

2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi hadd jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-9 ta' Gunju 2001 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Gunju 2001 meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 27 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sentejn. Jirrizulta li matul dan il-perijodu, il-konvenuta li diga' kellha tifla minn relazzjoni precedenti, nqabdet tqila; u dan il-fatt spinga lill-partijiet sabiex jizzewwgu mill-aktar fis, partikolarment il-konvenuta li ma rieditx li anke t-tieni tarbija taghha titwieled barra z-zwieg. Ghalhekk meta l-

konvenuta kellha tlett xhur tqala huma zzewwgu, u fis-7 ta’ Dicembru 2001 twieldet it-tarbija.

Illi l-attur jghid li huwa ma xtaqx li jizzewweg lill-konvenuta, izda kien accetta li jizzewwigha unikament minhabba li kienet gejja tarbija tieghu fid-dinja. Di fatti r-relazzjoni matrimonjali taghhom li, fl-assiem taghha, damet circa erba’ snin bdiet tixxaqqaq mill-bidu nett taz-zwieg, u l-partijiet ta’ spiss kienu jillitigaw, u jisseparaw ghal ftit.

Huwa jghid, u ma giex kuntrastat, li l-konvenuta qatt ma kienet thobbu, izda kienet baqghet thobb lill-ewwel ragel li kellha u li huwa l-missier naturali ta’ l-ewwel tarbija taghha. In fatti, gimgha wara s-separazzjoni de facto ta’ bejn il-partijiet, il-konvenuta regghet marret tikkonvivi ma’ dan ir-ragel.

L-attur jghid ukoll li meta zzewweg lill-konvenuta huwa kien eskluda li jerga’ jkollu tfal minnha, u r-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom dejjem saru bi prekawzjoni da parti tieghu biex il-konvenuta ma tergax tohrog tqila.

Illi l-konvenuta minn naha taghha li hija wkoll kienet izzewwget lill-attur unikament sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg, multo magis meta diga’ kellha tarbija mwielda barra z-zwieg. Hija tghid li l-hajja matrimonjali kienet karatterizzata bi glied kontinwu. Fi kliemha: “Konna qisna ma nistghux nikklikjaw, ma nistghux naraw lil xulxin.” Hija tikkonferma li lill-attur ma kienitx thobbu, izda kienet izzewwgitu minhabba t-tarbija li kienet ser titwieled. Li kieku ma kienitx ghat-tqala hi ma kienitx tizzewwgu lill-attur. Hija tikkonferma li l-att taz-zwieg bejniethom dejjem sar bi prekawzjoni da parti ta’ l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ma hemmx dubju li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet kien destinat li jfalli mill-bidunett. Di fatti, kif ikkonfermaw il-partijiet, it-tilwim matrimonjali beda mill-bidu taz-zwieg, u evolva b’ tal-mod li pprecipita fit-tkisser tal-konvivenza matrimonjali wara ftit ta’ snin.

Illi fid-dawl ta’ dak li rrizulta f’ dan il-kaz, jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu nternament eskludew l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku u l-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Huma zzewwgu unikament minhabba t-tarbija li kienet ser titwieled, u kif jirrizulta car mill-provi kien hemm mankanza serja ta’ imhabba u affezzjoni fil-konfront ta’ xulxin;  u l-partijiet kienu qed iharsu biss lejn dak dettat mill-egoizmu taghhom, u eskludew obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali fil-konfront ta’ xulxin.

Il-premess jinsab konfortat mill-fatti provati, li l-attur kien eskluda li jkollu tfal f’ dan iz-zwieg, filwaqt li l-konvenuta kienet ta’ sikwit tirrifjuta lill-attur ghax mohha kien ghadu fir-ragel li kellha qabel u li mieghu kienet marret tikkonvivi ftit tal-jiem wara s-separazzjoni de facto.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti taz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Gunju 2001.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------